

Brussell, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14231/25

COAFR 277
CFSP/PESC 1497
COPS 515
DEVGEN 183
COHOM 153
COHAFA 83

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan, approvati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tikkundanna bil-qawwa l-konflitt li għaddej fis-Sudan, li, għat-tielet sena konsekuttiva, ikompli jikkawża t-telf ta' eluf ta' ħajjiet u t-tbatija enormi għall-poplu Sudaniż, u joħloq theddida serja għall-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun usa'.
2. L-UE hija mħassba ħafna dwar l-unità, l-integrità territorjali u l-istabbiltà tas-Sudan, li jinsabu friskju serju, bi frammentazzjoni dejjem akbar fuq linji politiċi u etniċi. Dan huwa aggravat aktar mill-emerġenza ta' strutturi governattivi paralleli, li nikkundannaw bil-qawwa. Għalhekk, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għas-sovranità, l-unità u l-integrità territorjali tas-Sudan. L-UE tirrifjuta kwalunkwe tentattiv ta' diviżjoni tas-Sudan.
3. Bħala kopresident tal-konferenzi ta' Pariġi u Londra għas-Sudan u l-pajjiżi ġirien, l-UE wriet l-impenn tagħha li tappoġġa lill-poplu tas-Sudan u li jkollha rwol attiv fl-indirizzar tal-konflitt b'mod komprensiv.
4. It-talbiet tal-UE għal aktar involviment mal-partijiet kollha għall-konflitt huma kif ġej: a) impenn kostruttiv fin-negozjati lejn waqfien mill-ġlied immedjat u fi proċess kredibbli u inklużiv ta' medjazzjoni għall-paċi, li jwassal għal waqfien sostnut tal-ostilitajiet; b) l-iżgurar ta' aċċess umanitarju rapidu, mingħajr xkiel u sostenibbli u l-protezzjoni taċ-ċivili fis-Sudan kollu; c) impenji kredibbli biex tiġi ffaċilitata governanza ċivili ġenwinament inklużiva, rappreżentattiva u indipendenti; d) ir-restawr u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u l-ġustizzja fis-Sudan.

5. L-UE ser timpenja ruħha mal-partijiet kollha għall-konflitt, kif rilevanti biex jintlaħqu l-oġettivi msemmija hawn fuq, filwaqt li żżomm f'moħħha li b'hekk ma tilleġittimizza l-ebda struttura governattiva barra minn tranżizzjoni politika inklużiva mmexxija miċ-ċittadini. L-UE ser iżżid dan l-impenn, dment li jkun hemm progress kredibbli lejn il-kisba tat-talbiet ewlenin tal-UE. L-UE ser tibqa' impenjata b'mod attiv, inkluż fl-oġhla livell, fl-isforzi biex jinstab tmiem sostenibbli għall-konflitt. B'dan il-mod, l-UE ser taġixxi b'vuċi waħda, filwaqt li tippromwovi formati inklużivi u tiżgura koordinazzjoni sħiħa ma' atturi rilevanti tal-istess fehma. Hija ser tkompli tuża, u fejn possibbli tintensifika l-użu tal-firxa sħiħa ta' strumenti ta' politika barranija għad-dispożizzjoni tagħha — inkluż, fejn xieraq, miżuri restrittivi mmirati — biex tikseb riżoluzzjoni paċifika għall-kriżi.
6. Il-kriżi Sudaniża qed tpoġġi friskju żoni fejn kemm l-UE kif ukoll l-Afrika jikkondividu interessi strateġiċi ewlenin, bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin, is-salvagwardja tal-istabbiltà reġjonali kif ukoll is-sigurtà marittima fil-Baħar l-Aħmar. L-UE hija mħassba ħafna dwar ir-riskji ta' tixrid tal-konflitt, b'mod partikolari fil-Qarn tal-Afrika u fis-Sahel u l-effetti tiegħu fuq il-flussi migratorji irregolari lejn l-Ewropa.
7. L-UE tissottolinja li r-responsabbiltà primarja għat-tmiem tal-konflitt hija tat-tmexxija kemm tal-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) kif ukoll tal-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF), kif ukoll dawk li jipprovduhom appoġġ dirett u indirett. L-UE thegġegħ lill-partijiet kollha għall-konflitt biex jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv f'negozjati inklużivi dwar il-waqfien mill-ġlied u tenfasizza l-ħtieġa urġenti għal proċess ta' medjazzjoni inklużiv kredibbli li jwassal għal paċi ġusta, komprensiva u dejjiema. L-UE thegġegħ ukoll lill-atturi esterni kollha li direttament jew indirettament jipprovdu armi, appoġġ finanzjarju, jew appoġġ ta' kwalunkwe tip ieħor lill-partijiet fil-gwerra biex iwaqqfu immedjatament tali appoġġ u biex jikkonformaw mal-embargo tan-NU fuq l-armi.

8. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab dwar sforzi koordinati ta' medjazzjoni reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari dawk immexxija mill-Unjoni Afrikana (UA), in-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), l-Arabja Sawdija u l-Istati Uniti. L-UE tilqa' l-isforzi tal-Quad (l-Istati Uniti, l-Arabja Sawdija, l-Eġittu u l-Emirati Għarab Magħquda) bl-aħħar dikjarazzjoni dwar ir-restawr tal-paċi u s-sigurtà fis-Sudan. L-isforzi tal-UE biex iżżomm kanali miftuħa ta' komunikazzjoni mal-partijiet kollha u tappoġġa s-sejba ta' tmiem sostenibbli għall-konflitt huma msaħħa wkoll permezz tal-involviment tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, inkluż b'inizjattiva dwar il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika, kif ukoll permezz ta' appoġġ għal impenji ma' atturi ċivili Sudaniżi. L-Inizjattiva tal-UE għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika, li għandha l-għeruw tagħha fl-impenji tal-Unjoni man-naħat kollha ta' dan il-konflitt, hija espressjoni tal-approċċ attiv u integrat tal-UE għall-medjazzjoni f'dan il-konflitt u sservi biex tħaddem il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fis-Sudan.
9. L-UE ttenni l-importanza ta' proċess politiku inklużiv u trasparenti mmexxi mis-Sudan, immirat lejn il-kisba ta' governanza ċivili indipendenti. Huwa essenzjali li dan il-proċess jissalvagwardja l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa, iż-żgħażaġh u l-persuni li jappartjenu għal komunitajiet emarġinati minn reġjuni affettwati b'mod partikolari mill-konflitt. L-UE tenfasizza u tippromwovi wkoll ir-rwol vitali tas-soċjetà ċivili, li jiżgura li kwalunkwe djalogu politiku jirrifletti verament l-aspirazzjonijiet u l-ilħna diversi tal-poplu Sudaniż.
10. L-UE hija mħassba ħafna dwar id-deterjorament allarmanti tal-kriżi umanitarja fis-Sudan, peress li l-konflitt wassal għall-aktar katastrofi umanitarja severa dinjija b'karestija kkonfermata f'partijiet tal-pajjiż u qed ikompli jalimentaha. Ta' tħassib partikolari huma r-rapporti allarmanti ta' livell bla preċedent ta' vjolenza u attakki kontra persuni ċivili, inkluż vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u l-impatti serji tal-konflitt fuq in-nisa u l-bniet. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem billi jużaw kull miżura possibbli biex jipproteġu lill-persuni ċivili u l-oġġetti ċivili. L-UE ser tfittex li tingrana l-impenn diplomatiku tagħha u taħdem flimkien mas-sħab biex tavvanza miżuri konkreti għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili. L-UE tfaħħar ukoll lill-pajjiżi ġirien għall-appoġġ ipprovdut lill-vittmi tal-konflitt li qed ifittxu protezzjoni lil hinn mill-fruntieri Sudaniżi.

11. L-UE qed tara tnaqqis allarmanti tal-ispazju umanitarju. L-impedimenti burokratiċi u forom oħra ta' tfixkil ikompli jipprevjenu l-għajnuna li ssalva l-ħajja milli tilħaq lil dawk l-aktar fil-bżonn. Barra minn hekk, il-gwerra fis-Sudan saret waħda mill-aktar fatali fi kwalunkwe post fid-dinja, għall-ħaddiema umanitarji. L-UE thegġegħ lill-partijiet kollha għall-konflitt ineħħu mingħajr dewmien l-ostakli kollha li jfixklu t-twassil ta' assistenza umanitarja u jiżguraw aċċess umanitarju immedjat, mingħajr kundizzjonijiet, sikur u mingħajr xkiel, iwaqqfu l-ostakli intenzjonati u jipproteġu lill-popolazzjoni ċivili, inkluż il-ħaddiema umanitarji, f'konformità mal-impenji tagħhom fid-dikjarazzjoni ta' Jeddah u f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tfaħħar il-kuraġġ u d-dedikazzjoni kemm tal-ħaddiema umanitarji lokali kif ukoll dawk internazzjonali, inkluż gruppi ta' għajnuna reċiproka bħall-Kmamar ta' Rispons ta' Emerġenza (li rċewew il-Premju tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem 2025) u l-inizjattivi tal-voluntiera, xprunati l-aktar mill-involvement tan-nisa, li jkomplu jipprovdu assistenza li ssalva l-ħajjiet f'kundizzjonijiet estremament diffiċli.
12. L-UE hija mħassba serjament dwar il-ksur mifrux u ddokumentat sew tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan kollu. L-UE tikkundanna b'mod inekwivoku l-atroċitajiet kollha bħal dawn, li ħafna minnhom ġew imwettqa sistematikament u fuq skala allarmanti u kellhom impatt devastanti fuq il-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari fuq in-nisa u t-tfal kif ukoll fuq il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE tfakkar fl-obbligi skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali u r-Riżoluzzjoni 2736 (2024) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u titlob li l-RSF twaqqaf l-assedju ta' El Fasher u tappella għall-irtirar tal-ġellieda kollha li jheddu s-sikurezza u s-sigurtà tal-popolazzjoni ċivili.
13. L-UE tissottolinja l-importanza kritika li tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur kollu tad-dritt internazzjonali, inkluż il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-impunità persistenti tnissel atroċitajiet ġodda. Ir-rapport tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti (IIFFM) għas-Sudan sab li ż-żewġ partijiet għall-konflitt kisru d-dritt internazzjonali, li wassal għal delitti internazzjonali, u li l-RSF wettqu delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità u li l-SAF kisru d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, azzjonijiet li jammontaw ukoll għal delitti tal-gwerra. L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa l-isforzi biex jiġi ddokumentat u investigat tali ksur. L-UE tikkundanna ċ-ċensura sistematika u t-trażżin tal-libertà tal-media permezz ta' arresti, attacchi u theddid kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, li jikkontribwixxu għall-impunità u l-miżinformazzjoni mifruxa.

14. F'dan il-kuntest, l-UE tirrikonoxxi u tappoġġa bil-qawwa r-rwol vitali tal-atturi tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà, inkluż l-IIFFM għas-Sudan, l-espert maħtur min-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan, l-Uffiċċju għas-Sudan tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Missjoni Konġunta għat-Tiftix tal-Fatti għas-Sudan b'mandat mill-Kummissjoni Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli. L-UE ser tkompli tippromwovi l-espansjoni tal-mandat tal-QKI u tal-embargo fuq l-armi għall-pajjiż kollu. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ ma' dawn l-entitajiet. Jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll ir-responsabbiltà għall-ksur tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-relazzjonijiet diplomatiċi (bħal serq sistematiku ta' missjonijiet u residenzi diplomatiċi).
15. B'reazzjoni għall-konflitt li għaddej, l-UE żiedet l-isforz umanitarju tagħha u ser tkompli tipprovdi appoġġ ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet u bbażat fuq il-prinċipji biex jiġu żgurati soksors u protezzjoni immedjati tal-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli kull fejn ikunu. Dan jinkludi r-rispons għall-kriżi severa tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fil-pajjiż u l-appoġġ umanitarju għas-servizzi bażiċi. L-UE qed tipprovdi wkoll appoġġ lil dawk li ħarbu lejn pajjiżi ġirien u l-ospitanti tagħhom.
16. L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa r-reżiljenza tal-popolazzjoni Sudaniża, f'konformità mar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. Hija tinsab lesta li tikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni tas-servizzi soċjali essenzjali fis-Sudan kollu, hekk kif il-kundizzjonijiet politiċi jippermettu, u li tappoġġa r-ritorn sikur, dinjituż u volontarju tas-Sudaniżi spustati u refuġjati. L-irkupru ekonomiku fit-tul tas-Sudan ser jiddependi minn soluzzjoni ta' paċi u l-istabbiliment ta' gvern ta' tranżizzjoni mmexxi miċ-ċivili kif ukoll riformi makroekonomiċi komprensivi, serħan mid-dejn, aċċess għall-finanzjament, u investiment barrani sostenibbli — li kollha huma marbuta mill-qrib mal-istabbiliment ta' proċess politiku b'bażi soda, rappreżentattiv u inklużiv, li jiżgura r-responsabbiltà u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt.
17. L-UE tirrikonoxxi d-drittijiet inerenti tal-poplu Sudaniż għal-libertà, il-paċi u l-ġustizzja, u ttenni l-impenn sod tagħha li takkumpanja lis-Sudan fl-isforzi tiegħu biex jippreserva l-unità u l-integrità territorjali tiegħu, u biex jikseb stabbiltà dejjiema, demokrazija u prosperità sostenibbli.